**KUNSILL LOKALI NADUR**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Nadur

## DISA' (9) LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru Tletin (30)

## It-Tlieta, 18 ta' Mejju 2021

Il-Kunsill Lokali tan-Nadur iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq it-Tramuntana, Nadur (Għawdex), fil-4:30pm.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Edward Said | Sindku |
| Eucharist Camilleri | Viċi Sindku |
| Joseph Vella | Kunsillier |
| Jean Paul Portelli | Kunsillier |
| Josef Camilleri | Kunsillier |

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Sue Ellen Buġeja | Segretarju Eżekuttiv |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Owen Buġeja | Ambaxxatur taż-Żgħazagħ |

**MINUTI**

Il-laqgħa bdiet b'talba.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

**30.1**. **Qari tal-ittri ta' l-apoloġiji.**

L-Ambaxxatur taż-Zgħazagħ ma setax jattendi minħabba impenji oħra.

**30.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti u Skeda tal-Pagamenti.**

Il-Minuti tat-tmienja u għoxrin (28) il-laqgħa tas-6 t'April 2021 u l-Minuti tad-disgħa u għoxrin (29) il-laqgħa b'urġenza tal-15 t'April 2021 ġew ikkoreġuti, approvati, iffirmati u ddikjarati bħala dokumenti uffiċjali. Dawn kienu ntbagħtu lil Kunsilliera bil-quddiem għall-kunsiderazzjoni tagħhom. Filwaqt li dawn ġew approvati unanimament, l-iskeda tal-pagamenti numru 28 ġiet iffirmata mis-Sindku, Segretarju Eżekuttiv, Proponent:-Jean Paul Portelli u Sekondant:-Eucharist Camilleri.

Dan il-ħin il-Viċi Sindku-Eucharist Camilleri għamel remarka ta' kemm hu kuntent bl-għaqda tal-Kunsill tagħna u rringrazzja lis-Sindku għat-tmexxija tiegħu u l-bilanċ li jżomm. Il-kunsillier Joseph Vella kompla jgħid li l-fatt li konna nafu lil xulxin minn qabel jgħin ukoll.

**30.3. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti;**

Is-Sindku ta' l-aħħar żviluppi dwar is-sitwazzjoni finanzjarja u l-kontijiet tal-bank.

**Toroq Rurali u PPP:** Il-Kunsill ser joħrog pagament ta' 15K f'Gunju fuq it-toroq tal-PPP.

**LA's-** Il-Kunsill ser jirċievi mingħand Simon €4.7k fuq tal-progett tal-Pjazza u imbgħad jitħallas minn naħa tal-WSC peress li l-Kuntrattur kien tħallas fil-passat diġa mill-Kunsill u WSC ħa jħallsu lil Kuntrattur u mhux lil Kunsill.

L-Kunsill irċieva €5k mingħand MGOZ fuq tizjien dawl tal-Milied 2020 u ser nirċievu €3k fuq applikazzjoni li applikat is-Segretarja tal-fond ta' aġġustament. Rigward il-co-financing għadna bla risposta.

Is-Sindku għamel suġġeriment li l-Kunsill jgħaddi pagament lil Daniel Meilak fuq ix-xogħol li għamel fuq l-applikazzjoni tal-Belt/Raħal Kulturali 2022 ta' madwar 50 siegħa. Kien hemm qbil li jitħallas l-ammont ta' €300. Proponent - Joseph Vella u Sekondant- Eucharist Camilleri.

**Fixed Assets**- Is-Segretarja għamlet remarka li hemm żewġ ktieli ma jaħdmux u kif ukoll headphones tal-computer li ser jintremaw.

Kien hemm xi kontijiet li daħlu fl-aħħar ġurnata, u dawn ġew spjegati lil Kunsilliera u aċċettati sabiex jidħlu fl-iskeda. Kien hemm qbil unanimu fuq l-iskedi ppreżentati u dawn ġew iffirmati.

**30.4 Quarterly Report Jan-Mar 2021 u Audited Financial Statements 2020**

Għal din il-laqgħa kienet mistiedna l-accountant tal-Kunsill- Michelle Camilleri. L-Accountant spjegat xi elementi mill-Audit Financial Statements u l-FSI u l-Quarterly Report Jan-Mar 2021. Wara diskussjoni mal-Accountant dawn iż-żewġ rapporti ġew approvati minn dawk kollha preżenti.

**31.5 Komunikazzjoni mis-Sindku, Mistoqsijiet u Żviluppi mill-Kunsilliera.**

***Is-Sindku ppreżenta dawn l-iżviluppi:***

***30.5.1 Talba għal passaġġ fil-bajja ta' San Blas***- Kien hemm qbil li l-Kunsill mhu ħa jagħmel xejn qabel jinnħareġ il-clearance mingħand l-Awtoritajiet tal-Artijiet u tiġi diskussa fl-laqgħa.

***30.5.2 Lapida fi Triq Xandriku-***Din ġiet ordnata imma mhux lesta.

***30.5.3 Bozza Ġdida fi Triq ir-Ramla*** – Din lesta.

***30.5.4 Ħajt Daħlet Qorrot-*** Dan tnaddaf kollox u ġew informati l-awtoritajiet konċernati.

***30.5.5 Monument tal-Gwerra***- Dan lest.

***30.5.6 Zebgħa u bollards fil-Playing Field ta' San Blas***- dawn lesti.

***30.5.7 Rampa bis-sement fi Triq ta' Xurdin***- Din lesta.

***30.5.8 Pjanti quddiem dar fil-Pjazza minħabba siġġijiet tal-bars mal-ħajt tagħhom***- dawn lesti.

***30.5.9 Rampa għal bdiewa fi Triq Bingemma għal aċċess***- Din lesta.

***30.5.10 Ħajt tas-sejjieħ biex jitranga fi Triq ir-Ramla***- Din lesta.

***30.5.11 Bankina u sement taħt fi Triq il-Kapillan***- Din lesta.

***30.5.12 Bin miksur fil-Ġebel l-Aħmar-*** dan lest.

***30.5.13 Mera fi Triq it-Targa***- Din lesta.

**30.5.14** ***Pendenti*** –Patching fi Triq il-Madonna ta' Fatima, Sement fi Triq ta' kenuna, Trab fil Partita ta' San Blas, Sement fi Triq tax-Xini, Patch fi Triq Ħida, bankina tal-Kazin tal-futbol, Sement fi Triq Wied ir-Rihan, Bankina biex titranġa fi Triq Lourdes u bankina ġdida fi Triq San Blas.

**30.5.15** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Eucharist Camilleri***:

- Rigward is-sistema tal-Panelli fi Triq Inzul il-Franċizi-Il-kunsill issa qed jistenna mingħand l-Enemalta biex jinbeda x-xogħol.
- Bankina fi Triq Dun Guzepp Vella- Din daqt tkun lesta.
- Fanal Triq San Koronatu- Dan lest.
- Pendenti: Patch fi Triq il-Knisja.

**30.5.16** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Jean Paul Portelli:***

- Passaġġ bit-torba tax-Xini – Dan ser isir daqt.
- Pendenti: Il-Gibjun tal-Pjazza biex niċċekjaw jaħdimx,

**30.5.17** ***Żviluppi dwar Talbiet minn Joseph Vella***:

Tabella biex timxi l fuq fi triq San Koronatu- Din lesta.

**30.5.18 *Żviluppi dwar Talbiet minn Josef Camilleri*:**

Pendenti: Sement fi Sqaq tad-Duru- Dan ser isir il quddiem.

**30.6. Korrispondenza;**

| | |
|---|---|
| **6823** | **Cirkulari 2/21- Ħlasijiet dwar kuntratti jew xogħol urgenti** |
| **6824** | **Cirk. 2021/40- Students summer work oppportunities 2021** |
| **6825** | **BM-150- Embellishment of urban squares** |
| **6826** | **Light up the night 2021** |
| **6827** | **AKL 2021/036-Binjiet mixgħula ħompr-Jum Dinji tad-donaturi tad-demm** |
| **6828** | **Cirk AKL 2021/037-group life policy- membri eletti** |
| **6229** | **PQ 20621-Pagamenti lil Periti** |
| **6230** | **Skema ta' sterlizzazzjoni għal-qtates tat-Triq** |
| **6231** | **PQ 20950 - Bajja Ramla l-Ħamra** |
| **6232** | **no objection mingħand DLG dwar passage f'San Blas** |
| **6233** | **SPI/Sci/4/2021- korsijiet lifelong learning** |
| **6234** | **Student placement Programme 2021- MITA** |
| **6235** | **Seasonal planting within specific areas in Local Councils- Qala/Nadur** |
| **6236** | **IF0443/21-C Alleged development at Daħlet Qorrot- ERA** |
| **6237** | **Emenda SPI.SCI.2.2021- Skema Playing fields** |

| | |
|---|---|
| **6238** | **Cirk AKL 2021/035- komunikat dwar tibdil fil-leġislazzjoni 65.12 dwar regolamenti dwar l-ikklampjar u tneħħija ta' vetturi bil-mutur u oġġetti ta' ingombru.** |
| **6239** | **Approvazzjoni tat-talba għall-fondi ta' Aġġustament għas-sena 2021- case 18/2021** |
| **6240** | **Avviż ta' Infurzar minn Planning Authority dwar Daħlet Qorrot** |
| **6241** | **Emendi fil-Policy dwar id-Devoluzzjoi Lokali** |
| **6242** | **SPI.SCI.5.2021- Community Inclusive Employment Scheme 2021** |
| **6243** | **Cirk. AKL 2021/033 CRPD - Disability Equality Training** |
| **6244** | **Cirk AKL 2021/034- University Courses 2021-22- Faculty for Social Wellbeing** |
| **6245** | **Cirk AKL 2021/032 - Infrasture - the future of our localities 15/4/21** |
| **6246** | **Laqgħa mal-Ministru għall-Amjent, it-tibdil fil-klima u l-Ippjanar, l-Onor Dr. Aron Farrugia** |
| **6247** | **Nota mill-UĦM lis-sindki u kunsilliera** |
| **6248** | **Ittra ta' ringrazzjament minghand l-Arcipriet rigward il-Ktieb ta' Dun Martin Camilleri** |
| **6249** | **Training oppotunity:- Introducing the European Solidarity Corps** |
| **6250** | **EP1058/21-Removal of mulberry trees** |
| **6251** | **Ittra ta' ordni maħruġ fit-23 t'April 2021 mingħand ERA dwar Daħlet Qorrot** |
| **6253** | **method statement mingħand il-perit dwar Daħlet Qorrot** |
| **6254** | **Excessive Water Consumption alert minghand WSC** |
| **6255** | **Nazzareno Vassallo award 2021** |
| **6256** | **Premju żgħazugħ tas-sena 2020** |

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva

| | |
|---|---|
| **6257** | **Cirk AKL 2021/016- EUCF- webinar-it-tieni sejħa 07042021** |
| **6258** | **Cirk AKL 2021/041-Seed Freen Programme** |

***Rimarki oħra:- -***

***Charging Pillars-*** Wara li is-Sindku ha parir fuqhom, identifika żewġ postijit Triq Għajn Qasab ħdejn il-Playing Field u Triq it-Torri Sopu ħdejn il-playing field. Kien hemm qbil fuq dawn il-postijiet.

***Laqgħa tal-Pulizija-*** Is-Sindku ta update rigward il-laqgħa li kellu hu u s-Segretarja flimkien mas-Supretendent. Fost ħafna affarijiet ġew diskussi l-issues fuq vandalizmu, qed ikun hemm patrol mill-pulizija u ġew solvuti kazijiet ukoll. Is-Sindku faħħar il-mod ta' kif qed.

***CCTVs ħdejn l-Bring in-sites***- Is-Sindku ta update dwar l-installazzjoni tal- CCTV's ħdejn it-tlett areas tal-bring in sites tan-Nadur. Dawn ser jitwaħħlu minn naħa tal-wasteserv u jinħargu citazzjonijiet mingħand il-LESA fuq minn jabbuza.

***Binnjiet mixgħula ħomor għal Jum id-demm fl-14 ta' Gunju-*** Il-Kunsill ser jixgħel it-Torri ta' Kenuna għal din l-attivita'.

***Group Life Policy lil Membri Eletti***- Il-Kunsill bgħat il-ħlas tal-Kunsilliera kollha.

***Seasonal Planting-*** Ser jitħawwlu pjanti l-Pjazza kif ukoll fil-belveder DC Cocco Palmeri.

***'Removal of Mulberry Trees' fi Triq it-Tigrija u triq il-Qala-*** Ser ikun hemm meeting nhar il-Ħamis.

***Blood donation***- Kien hemm qbil li parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Kunsill ikun hemm blood donation.

***Wifi4EU***- Is-Sindku innota li qabbadna persuna teknika minn naħa tal-Kunsill biex jara dirett magħhom izda mhux qed nieħu feedback utli fuq is-sistema kif ha tkun titħadem u jekk l-affarijiet mhux ser ikunu ċari mhux ser nidħlu għal xi ħaga li mhux ċerti kif ħa tkun. Kien hemm qbil fuq dan.

***Laqgħa Pubblika-*** Is-Segretarja għamlet remarka rigward li bil-liġi stipulat li isir laqgħa Pubblika. Kien hemm qbil li din isir qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA<br>Edward Said<br>Sindku | IFFIRMATA<br>Sue-Ellen Bugeja<br>Segretarja Ezekuttiva |

**30.7. Skemi;**

**Skema Għall-żvillup u titjib fil-kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy-** Il-Kunsill applika.

**Skema Reġjonali –Ambjent 2021-** Is-Sindku ġabar stimi għal latrina ta' Daħlet Qorrot u l-Latrina ta' Triq it-Tramuntana izda dawn ser jiġu diskussi aktar il quddiem.

**Skema Reġjonali –Kultura Għawdex 2021-** Din tiġi diskussa aktar l quddiem għal wine festival.

**Skema Għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2021 maħruġa minn naħa tad-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy** – Il-Kunsill applika.

**Skema *Restoration Works Scheme for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ-** Daħħlu offerti li ser jiltaqa' l-board tat-Tenders fuqhom.

***Skema Outdoor gym Assistance for Gozitan Local Councils 2020*- ECO Gozo-MGOZ**- Daħħlu offerti li ser jiltaqa' l-board tat-Tenders fuqhom.

**Skema tal-Belt jew Raħal Kulturali 2022**- Il-Kunsill applika.

**Skema LESA-** Il-Kunsill applika.

**30.8. Offerti Pubblici**

***30.8.1. Offerta tal-ġbir ta' l-iskart*** – Kien hemm qbil li fuq il-board tal-Offerti ikun hemm Joe Chricop, Ines Buttigieg, Raymond Vella, William Sultana u s-Segretarja.

***30.8.2. Kwotazzjoni Restawr***- Kien hemm qbil li jkun hemm il-Perit Edward Scerri, s-Segretarja u William Sultana fuq il-Board tal-Offerti.

***30.8.3. Kwotazzjoni Gym Equipment***- Kien hemm qbil li jkun hemm l-Ing. Mario Cauchi, s-Segretarja u William Sultana fuq il-Board tal-Offerti.

**30.9. Attivitajiet, Inizzjattivi u Ħidma Socjali**

***30.9.1. Karnival – Fondazzjoni*** – Dawn bdew jiltaqgħu u faslu statut u anke objettivi li ser jerġgħu jiġu diskussi u imbagħad jgħaddu għand il-Kunsill.

***30.9.2. Activities Restructuring Team-*** Dawn bdew jiltaqgħu u qed jiddiskutu dwar l-attivita' tal-Milied.

***30.9.3. Rikonoxximenti*** – Sar draft tar-regolamenti. Il-Kunsillier Joseph Vella għamel remarka biex jiġi mizjud li l-ex Kunsilliera u Kunsilliera prezenti ma jistgħux ikunu inkluzi. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għamel remarka ukoll li inziedu li tkun fid-diskrizzjoni tal-Kunsill jekk dan ir-rikonoxximent isirx jew le.

***30.9.4 EU Programmes u Exchanges*** – Is-Sindku innota li Ines Buttigieg applikat fuq dawn f'isem il-Kunsill Lokali tan-Nadur.

***30.9.5 Ittra fid-djar biex inzommu kuntatt –*** Kien hemm qbil li jkun hem kontenut fuq il-pandemija, skart u fuq tizjien ġod-djar għal-Imnarja.

***30.9.6 Website ġdid għal Kunsill Lokali –*** Kien hemm qbil li jinġabru tlett kwotazzjonijiet u jkun hemm ukoll xi zgħazagħ jgħinu fih.

***30.9.7. Road Closures Centru fis-Sajf***- Kien hemm qbil li tingħalaq l-Pjazza u Diċembru 13th is-Sibt u l-Ħadd minn 18 ta' Gunju u jsir il-fistun.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

***30.9.8. Skambju tal-Bizzilla*** – Is-Segretarja tat update fuq laqgħa li kien hemm online rigward dan. Minħabba l-Covid-19 din is-sena ser isir filmat gewwa n-Nadur f'nofs Gunju. Is-Segretarja ser tagħmel kuntatt ma' Mary Ann Buttigieg u Guza Sammut fuq dan.

***30.9.9. Country Walks –*** Is-Sindku għamel suġġeriment rigward flyers u reklamar fuq dan. Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri innota li jkun aħjar li nistennew l-applikazzjoni tal-Belt/Raħal Kulturali 2022 peress li dawn ġew inkluzi f'din l-applikazzjoni. Kien hemm qbil.

***30.9.10. Skema MITA għal Student fis-sajf-*** Is-Segretarja innotat li rigward l-iskema tal-MITA ġiet mitluba biex tidentifika persuna li applikat u interessata fuq din l-iskema. Is-Segretarja infurmat li ġie applikat Kevin Curmi peress li kien applika magħhom ukoll. Kien hemm qbil.

**30.10. Proġetti u Xogħolijiet Oħra.**

**30.10.1 Triq ta' Kenuna-** Is-Sindku spjega fid-dettal l-aħħar zviluppi fuq dan il-proġett. Il-bankina tkompliet imma madum ma baqax u qed nistennew mingħand id-Direttur għal Għawdex peress li ordnaw madum imma b'disinn differenti.

**30.10.2 Triq Daħlet Qorrot-** Il-Ħitan tas-sejjieħ miexi x-xogħol fuqhom minn naħa tal-MGOZ.

**30.10.3 Triq ir-Ramla l-Qadima-** Bħalissa l-Kuntrattur mhux jaħdem hemm u mhux jirrispondi telefonati. Is-Sindku informa bil-miktub lil MGOZ fuq dan.

**30.10.4 Cameras Ġnien il-Kunsill-** Is-Sindku innota li hu, D Illumination flimkien ma' Paul Portelli marru site visit biex jaraw kif l-aħjar li jinħadmu.

**30.10.5 Belvedere fi Triq ir-Ramla l-Qadima-** Il-Perit bgħatilna site plan u issa qed nistennew l-istima.

**30.10.6 Green Wall ta' Xhajma**: Is-Survey huwa lest.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Edward Said | Sue-Ellen Bugeja |
| Sindku | Segretarja Ezekuttiva |

**30.10.7 Pjanċi fil-Ġnien ta' Kenuna** – Dawn lesti fuq il-post.

**30.10.8 Dawl fis-soft area ta' Triq it-Tramuntana-** Is-Sindku innota li daqt għandu jsir ix-xogħol.

**30.10.9 Muxa fi Triq San Gwann** – Irid isir survey.

**30.10.10. Ir-Railings ta' Triq ir-Rabat –** Il-Kunsill għadu jistenna minn naha tal-MGOZ rigward dawn peress li qedin f'Triq Arterjali.

**30.10.11. Zebgħa u bullards fi Triq Arc. Saver Cassar u Pjanti-** Dawn għadhom ma sarux.

**30.10.12. Dawl fi Triq it-Tigrija**- Dan ser isir.

**30.10.13. Il-Festun tal-fiss fil-Pjazzetta-** D Illumination qed jara fuqha.

**30.10.14.Tabelli Merħba** – Għadhom ma sarux imma irċivejna mingħand HSBC u ser naraw isirux minnhom.

**30.10.15. Belvedere Triq Duru** – D Illumination għadu jmur jara fuq il-post fuq liema dawl l-aħjar isir.

**30.10.16. In-nizla tal-Bajja ta' San Blas** – għandu ma sarx il-Ħadid.

**30.10.17. Dog Park-** Il-kunsill għad irrid jitkellem mal-MGOZ.

**30.10.18. See-Saw ġdida** – Kien hemm qbil li niġbru kwotazzjonijiet għal waħda peress li sar vandalizmu fuq li kien hemm fil-Ġnien il-Kunsill.

**30.10.19. Soft area DC Cocco Palmeri**- Il-Kunsill ser jitlob stima lil ELC.

**30.10.20. Father's Day**- Kien hemm qbil li fil-Pjazza isir qalb tal-Injam bil-kelma 'PA' u dawl mal-faċċata tagħha.

**30.10.21. L-Imnarja**- Il-Viċi Sindku Eucharist Camilleri għamel suġġeriment li jiġi ordnat bukett ward għal quddiem San Pietru u San Pawl. Kien hemm qbil fuq dan u li isir mixgħela fil-Pjazza

safra u ħamra. Il-Kunsillier Joseph Vella għamel suġġeriment li tintrama l-imrewħa tal-festa fil-Pjazza imma ma kienx hemm qbil fuq din peress li mhux permess festi minn naħa tad-Dipartiment tas-Saħħa.

**30.11.Rikjesti u Talbiet mill-Pubbliku.**

**30.11.1.Rikjesti mis-Sindku:**

Talba biex titranga bankina fil-Pjazetta. Kien hemm qbil.

Talba għal bankina ġdida fi Triq Dun Anton Tabone. Ser napplikaw bis-sistema tal-customer care.

Talba għal yellow lines faċċata garage fi Triq San Koronatu u  ma' gemb garage fi Triq Guze Ellul Mercer. Is-Segretarja ser tibgħat it-talba lil TM.

Talba għal unloading Bay fi Triq MF Isqof Buttigieg. Is-Segretarja ser tibgħat it-talba lil TM.

Talba għal sement taħt bankina fi Triq Sant Indrija. Kien hemm qbil.

Talba għal għatba ma' bankina fi Triq l-Imnarja. Kien hemm qbil.

Talba għal sement fi Triq tax-Xini. Kien hemm qbil.

Talba għal bankini ġodda fi Triq Kenuna fil-parti tat-telgħa.  Il-Kunsill ser jagħmel talba bil-customer care aktar il quddiem.

Talba għal zbir ta' sigar fil-Pjazzetta. Kien hemm qbil u l-Kunsill ser ikellem li ELC fuq dawn.

**30.11.2 Rikjesti mill-Viċi Sindku:**

Talba biex jitranga ħajt li waqa fi Triq it-Tigrija quddiem l-iskola. Kien hemm qbil.

Talba biex titranga bankina fi Triq Grunju c/w St Indrija. Kien hemm qbil.

Talba għal dog bin fi Sqaq l-Andar. Kien hemm qbil.

Talba għal turf ħdejn il-monument tal-Karnival. Is-Sindku innota li dan diġa kien ġie diskuss fil-passat u għalissa mhux ser isir.

Talba biex titranga l-istatwa ta' San Gwann. Is-Sindku innota li dejjem jekk ikun hemm skema biex napplikaw u li l-Viċi Sindku jiġbor il-firem quddiem nutar li hemm qbil bejn l-aħwa kollha.

Talba biex jitrangaw żewġ ħitan wieħed fi Triq il-Pler u ieħor fi Triq ir-Ramla. Il-Viċi Sindku talab biex naraw mal-Perit tal-Kunsill fuqhom.

Il-Viċi Sindku innota li waqa' xi hadd il-Pjazza fejn nizel il-madum.

**30.11.3 Rikjesti mingħand Joseph Vella:**

Talba għal mera faċċata garage fi Triq Ħida

**30.11.4. Rikjesti mingħand Jean Paul Portelli:**

Talba biex jinqata' l-ħaxix madwar ir raħal

Talba għal sement fi Triq Xjuf ir-Riħ. Kien hemm qbil.

Ser jitkellem ma' FKNK biex isir meeting online.

**30.11.5. Rikjesti mingħand Josef Camilleri:**

Talba għal ħofra fi Triq tal-Ħali. Kien hemm qbil.

Talba għal rampa fi Triq Guze Bonnici. Kien hemm qbil.

Talba għal cement fi Triq it-Tramuntana quddiem roundabout. Kien hemm qbil.

**30.12 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa spiċċat fit-8:30p.m. Il-Kunsill kollu qabel li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta 15 ta’ Gunju fl-4:30pm u l-Laqgħa Pubblika fl-istess ġurnata fl-4:00pm.

IFFIRMATA
Edward Said
Sindku

IFFIRMATA
Sue-Ellen Bugeja
Segretarja Ezekuttiva